# Kwadru tal-Assunta

## Bażilka Santwarju tal-BVM tal-Karmnu — Il-Belt Valletta



Is-Sur Mario Fenech

Għażilt dan ix-xogħol tal-artist Alessio Buhagiar għal dan l-artiklu tiegħi għaliex minbarra li s-suġġett huwa fuq l-Assunta, l-istess artist pinġa l-kwadru tat-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija għall-Kappella tal-Lunzjata li kienet f'Ħ'Attard fis-sena 1725.

Il-kwadru tal-Assunta fil-preżent jinsab fis-sagristija tal-Bażilka Santwarju iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, fil-Belt Valletta. Din hija knisja magħrufa sew għax-xogħlijiet ta' valur artistiku kbir li jinsabu fiha u li bosta minnhom kienu fil-knisja l-qadima li twaqqgħet biex tagħmel il-wisa' għall-knisja monumentali li hemm illum. Dawn l-opri sbieħ saru għaliex il-patrijiet Karmelitani minn dejjem ħasbu biex ikollhom l-aħjar xogħlijiet f'din il-knisja.

Dan l-artist kien mill-Belt u trabba viċin il-knisja bażilikana ta' Portu Salvu fejn ukoll ġie mgħammed. Kellu kapaċità kbira permezz tal-pniezel tiegħu u għalkemm kien sar qassis, xorta waħda baqa' għaddej bil-ħidma artistika tiegħu, fejn nafu wkoll li kien pitter xi affreski fis-soqfa ta' binjiet importanti.

F'dan il-kwadru tal-Belt ix-xbieha tal-Assunta hija waħda sabiħa ferm fejn narawha mdawwra b'numru ta' puttini qegħdin jerfgħuha 'l fuq lejn is-sema, imdawwrin bi sħaba bajda ta' daqs kbir.

Fil-parti t'isfel tat-tila l-artist Buhagiar inkluda l-figuri tal-Appostli miġburin madwar il-qabar vojt, flimien ma' rġiel oħrajn, kollha b'espressjoni ta' skantament fuq wiċċhom.



Fl-applikazzjoni tal-kuluri ninnutaw li dawn ġew użati bil-ħsieb li l-parti ta' fuq tas-suġġett tkun xi ftit maqtugħa mill-parti t'isfel, u dan biex jitwassal il-messaġġ ta' dak li seħħ meta l-Madonna ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Din il-ġrajja l-poplu tar-raħal ta' Ħ'Attard qiegħed jiċċelebraha b'mod solenni din is-sena wkoll bħalma għamel minn dejjem mat-twaqqif tal-Parroċċa taħt il-ħarsien tal-Assunta, lura lejn is-sena 1575.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.